

**Brussell, 23 ta' April 2026  
(OR. en)**

**8467/26**

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0144 (COD)**

---

---

**CODIF 15  
CODEC 738  
AGRI 299  
STATIS 29**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	16 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta emendata għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikolutra fl-Unjoni (kodifikazzjoni)

---

Id-delegazzjonijiet isibu hawn meħmuż il-proposta ta' kodifikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fis-suġġett (COM(2026) 159 final - 2024/0144 (COD) u l-Annessi minn 1 sa 4).

Id-delegazzjonijiet mistiedna jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-proposta ta' kodifikazzjoni sa nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 2026 fl-indirizzi li ġejjin:

Codification@consilium.europa.eu U sj-codification@ec.europa.eu

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għall-Gwida Prattika dwar il-Kodifikazzjoni (id-dokument 14722/14 + COR 1).

---

Mehmuż: COM(2026) 159 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.4.2026  
COM(2026) 159 final

2024/0144 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**  
**ddwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikolutra fl- Unjoni (kodifikazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-20 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkodifika r-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità<sup>1</sup>.
2. Fl-opinjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2024, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi ġuridiċi, mwaqqaf mill-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċelerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tal-atti leġislattivi<sup>2</sup>, iddikjara illi l-proposta imsemmija fil-punt 1 tabilħaqq tillimita ruħha għas-sempliċi kodifikazzjoni, mingħajr ebda tibdiliet sostanzjali fl-atti li tkopri.
3. Fid-dawl tal-emenda adottata<sup>3</sup> fil-proposta msemmija fil-punt 1 [u fid-dawl tax-xogħol li diġà sar waqt il-proċess leġislattiv], il-Kummissjoni ddeċidiet li ttipprezenta, skond l-Artikolu 293(2) TFEU, proposta emendata għall-kodifikazzjoni tar-Regolament ikkonċernat.
4. Meta mqabbla mal-proposta msemmija fil-punt 1, il-bidliet magħmula f'din il-proposta emendata huma dawn li ġejjin:
  - (a) fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġejj:

*“Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2028, f’dak li jirrigwarda t-trasmissjoni ta’ data lill-Kummissjoni (Eurostat) relatata ma’ kull perijodu ta’ referenza li jibda’ minn dik id-data ‘l quddiem.”;*
  - (b) l-Anness I huwa emendat kif stipulat fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3102 tat-2 ta' Settembru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - (c) fl-Anness III, tiżdied l-entrata li ġejja:

*“Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3102 (ĠU L, 2024/3102, 12.12.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2024/3102/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/3102/oj))”.*
5. Sabiex jiġi ffaċilitat il-qari u r-reviżjoni, it-test sħiħ tal-proposta emendata għall-kodifikazzjoni huwa meħmuż hawnhekk.

<sup>1</sup> COM (2024) 255 finali tal-20.6.2024.

<sup>2</sup> ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

<sup>3</sup> ĠU L, 2024/3102, 12.12.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2024/3102/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/3102/oj).

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ddwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltra fl-  Unjoni  (kodifikazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-  UNJONI  EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat  dwar il-Funzjonament tal-Unjoni  Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu  338(1)  tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att legiżl intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>4</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:



- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> ġie emendat kemm-il darba b'mod sostanzjali<sup>6</sup>. Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità, jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi kkodifikat.

---

↓ 138/2004 premessa 1

- (2) Il-kontroll u l-valutazzjoni tal-politika agrikola komuni jeħtieġ tagħrif komparabbli, aġġornat u li wieħed jista' joqgħod fuqu, dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-agrikoltura, u aktar speċifikament dwar taqlib fil-qliġ mill-agrikoltura.

---

↓ 138/2004 premessa 2

- (3) Il-kontijiet tal-agrikoltura huma għodda bażika biex tiġi analizzata s-sitwazzjoni ekonomika ta' l-agrikoltura ta' pajjiż, bil-kondizzjoni li jkunu magħmulin fuq il-bażi ta' sett wieħed ta' prinċipji. Il-kontijiet tal-agrikoltura jaġhtu wkoll kontribuzzjoni siewja għall-kalkulazzjoni tal-kontijiet nazzjonali.

---

<sup>4</sup> OJ C [...], [...], p. [...].

<sup>5</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltra fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/138/oj>).

<sup>6</sup> Ara l-Anness III.

---

↓ 2022/590 premessa 2 (adattat)

- (4) ☒ Dan ☒ ir- Regolament ☒ jenħtieġ li jstabilixxi regoli dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikultura “EAA” fl-Unjoni billi jipprevedi l-metodoloġija u l-limiti ta’ żmien għat-trażmissjoni tal-kontijiet agrikoli. L-EAA huma kontijiet satellita ta’ kontijiet nazzjonali, kif previst mis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 ☒<sup>7</sup> (ESA 2010)-bil-għan li jinkisbu riżultati li huma armonizzati u komparabbli bejn l-Istati Membri, sabiex jitfasslu l-kontijiet għall-finijiet tal-Unjoni.
- 

↓ 2022/590 premessa 3

- (5) Il-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikultura (“REAA”) huma adattament fil-livell reġjonali tal-EAA. Iċ-ċifri nazzjonali waħedhom ma jistgħux jiżvelaw l-istampa sħiħa u xi kultant kumplessa ta’ dak li qed jiġri fuq livell aktar dettaljat. Għalhekk, id-*data* fil-livell reġjonali tgħin biex jiżdied il-fehim tad-diversità li teżisti bejn ir-reġjuni, biex tiġi kkomplementata l-informazzjoni għall-Unjoni, iż-żona tal-euro u l-Istati Membri individwali, filwaqt li tirrispondi għaż-żieda akbar fil-bżonn ta’ statistika għal-kontabilità, u ttejjeb il-livell tal-armonizzazzjoni, l-effiċjenza u l-konsistenza tal-istatistika agrikola tal-Unjoni.
- 

↓ 2022/590 premessa 4

- (6) L-istatistika ma għadhiex titqies bħala waħda biss minn ħafna sorsi ta’ informazzjoni għal skopijiet ta’ tfassil tal-politika, iżda, minflok, għandha rwol ċentrali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. It-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza jeħtieġ statistika li tissodisfa kriterji ta’ kwalità għolja, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>, skont l-għanijiet li jkun qegħdin iservu.
- 

↓ 2022/590 premessa 7

- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jipprevedi qafas legali għall-istatistika Ewropea u jirrikjedi li l-Istati Membri jikkonformaw mal-prinċipji tal-istatistika u l-kriterji ta’ kwalità stabbiliti f’dak ir-Regolament. Ir-rapporti dwar il-kwalità huma essenzjali għall-valutazzjoni, it-titjib u l-komunikazzjoni dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea. Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika approva l-istruttura unika integrata tal-metadata bħala l-istandard tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika għar-rapportar ta’ kwalità, u b’hekk għen biex jiġu ssodisfati, permezz ta’ standards uniformi u metodi armonizzati, ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009, b’mod partikolari dawk stipulati fl-Artikolu 12(3) tiegħu. Ir-riżorsi jenħtieġ li jintużaw bl-aħjar mod u l-piż tar-rispons jenħtieġ li jiġi minimizzat.

---

<sup>7</sup> European System of National and Regional Accounts — ESA 2010, Luxembourg 2013.

<sup>8</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta’ data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/223/oj>).

---

↓ 138/2004 premessa 5 (adattat)

- (8) Billi l-objettiv ta'  dan ir-Regolament , jiġifieri l- l-istabbilment  ta' standards komuni ta' statistika li jippermettu li tinħadem *data* armonizzata, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri iżda, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fuq livell  tal-Unjoni , l-Unjoni tista' tadotta miżuri, konformi mal-prinċipji ta' sussidjarjeta' kif stipulati fl-Artikolu 5 tat-Trattat  dwar l-Unjoni Ewropea . Skond il-prinċipju ta' proporzjonalita', kif miġjub f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan.

---

↓ 1350/2013 premessa 5 (adattat)

- (9) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejjiġa, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>9</sup>.  B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejjiġa ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-thejjiġa ta' atti delegati.

---

↓ 2022/590 premessa 8

- (10) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti għar-rapporti dwar il-kwalità u għall-kontenut tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ ukoll li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-possibilità ta' derogi mir-rekwiżiti REAA. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup>,

---

<sup>9</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_interinst/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj).

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Is-suġġett**

1. Dan ir-Regolament  jipprovdi dispożizzjonijiet  dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura  EAA fl-Unjoni , billi jipprovdi għal:

- (a) metodoloġija tal-EAA (standards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontijiet), intiżi biex jintużaw għall-għbir tal-kontijiet fuq bażi komparattiva għall-għanijiet  tal-Unjoni , u għat-trażmissjoni tad-*data* skond l-Artikolu 3;
- (b) limiti taż-żmien għat-trażmissjoni tal-kontijiet tal-agrikoltura miġbura skond il-metodoloġija tal-EAA.

2. Dan ir-Regolament ma jobligax lil xi Stat Membru li juża l-metodoloġija ta' l-EAA fil-għbir ta' kontijiet ta' l-agrikoltura għal skopijiet tiegħu.

*Artikolu 2*

**Metodoloġija**

1. Il-metodoloġija tal-EAA msemmija fl-Artikolu 1(1), punt (a) hija stipulata fl-Anness I.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 6  rigward l-emendar tal-metodoloġija  tal-EAA stipulata fl-Anness I. Dawk l-atti delegati għandhom ikunu limitati għall-ispeċifikar u t-titjib tal-kontenut tal-Anness I sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni armonizzata jew sabiex tiġi żgurata komparabilità internazzjonali.

Dawk l-atti delegati għandhom jiġu adottati biss fejn ma jbidlux il-kunċetti sottostanti fl-Anness I, ma jeħtiġux riżorsi addizzjonali għall-produtturi fi ħdan is-Sistema Statistika Ewropea għall-implimentazzjoni tagħhom u ma jimponux piżijiet addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq min irid jwieġeb.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq min irid iwieġeb u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 14(3), punt (c), tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

---

↓ 138/2004

### Artikolu 3

#### Trażmissjoni lill-Kummissjoni,

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) id-*data* stipulata fl-Anness II fil-limiti taż-żmien speċifikati għal kull tabella.

---

↓ 2022/590 Art. 1.1

2. L-ewwel trażmissjoni ta' *data* għall-kontijiet ekonomiċi reġjonali għall-agrikoltura ('REAA') fil-livell NUTS 2 fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup> għandha sseħħ sat-30 ta' Settembru 2023.

---

↓ 1350/2013 Art. 1 u Anness 2(b)  
(adattat)

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 6  rigward l-emendar  tal-lista tal-kwantitajiet varjabbli għall-provvista tad-*data* stabbilita fl-Anness II.

Dawk l-atti delegati ma għandhomx jimponu piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq min irid iwieġeb.

Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika kif xieraq l-azzjonijiet statistiċi pprovduti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn xieraq, ta' input mill-esperti rilevanti abbażi ta' analiżi tal-effikaċità meta mqabbla mal-ispiża, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq min irid iwieġeb u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 14(3), punt (c) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

---

↓ 2022/590 Art. 1.2(adattat)

### Artikolu 4

#### It-tixrid tal-istatistika

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> u r-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha xxerred online *id-data* trażmessa lilha skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, mingħajr ħlas.

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj>).

<sup>12</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1367/oj>).

## Artikolu 5

### Evalwazzjoni tal-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità *tad-data* u tal-metadata trażmessa.
2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom japplikaw għad-*data* li għandha tiġi trażmessa skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità *tad-data* trażmessa. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport dwar il-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2025, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, għas-settijiet ta' *data* trażmessi matul il-perjodu ta' rappurtaġġ.
4. Fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għad-*data* li tiġi trażmessa skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-modalitajiet, l-istruttura u l-indikaturi tal-evalwazzjoni tar-rapporti dwar il-kwalità msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament. Huma ma għandhomx jimponu piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri.
5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu mingħajr dewmien lill-Kummissjoni (Eurostat) kwalunkwe informazzjoni rilevanti jew bidla fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu, b'xi mod sostanzjali, jinfluwx fuq il-kwalità *tad-data* trażmessa.
6. Fuq talba debitament ġustifikata mill-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jipprovdu kwalunkwe kjarifika addizzjonali meħtieġa biex tivvaluta l-kwalità *tad-data* statistika.

↓ 1350/2013 Art. 1 u Anness 2(c)  
(adattat)

## Artikolu 6

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-10 ta' Jannar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega tas-setgħa imsemmija fl-Artikolu 2(2) u fl-Artikolu 3(3) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'*data* aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

☒ 4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ☒

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2) jew l-Artikolu 3(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b' xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

↓ 2022/590 Art. 1.3

#### *Artikolu 7*

#### **Proċedura ta' Kunitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kunitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kunitat għandu jkun kunitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

#### *Artikolu 8*

#### **Derogi**

1. Fejn l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun teħtieġ adattamenti kbar f'sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kapitolu VII tal-Anness I, u tal-programm ta' trażmissjoni ta' *data* għar-REAA kif imsemmi fl-Anness II, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħtu derogi lil dak l-Istat Membru għal perjodu massimu ta' sentejn. L-ewwel data għat-trażmissjoni tad-*data* għar-REAA ma għandhiex, madankollu, fl-ebda każ tmur lil hinn mit-30 ta' Settembru 2025. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2).

2. L-Istat Membru li jiddeċiedi li japplika għal deroga msemmija fil-paragrafu 1 għandu jippreżenta talba debitament motivata għal tali deroga lill-Kummissjoni sal-21 ta' Awwissu 2022.

3. L-Unjoni tista' tipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament meta l-istabbiliment tar-REAA jkun jeħtieġ adattamenti kbar fis-sistema statistika nazzjonali ta' Stat Membru.



*Artikolu 9*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehm bħal referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

---

↓ 138/2004

*Artikolu 10*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-gboxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

---

↓ 2024/3102 Art. 2

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028, f'dak li jirrigwarda t-trażmissjoni ta' *data* lill-Kummissjoni (Eurostat) relatata ma' kull perijodu ta' referenza li jibda' minn dik id-data 'l quddiem. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

---

↓ 138/2004

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*